

**Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea**

(2021/C 58 I/06)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(1)</sup>, in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> huma emendati kif ġej:

*Fpaġna 413 tiddaħħal in-nota ta' spjegazzjoni li ġejja:*

**“9504 40 00 Karti tal-logħob**

Din is-subintestatura tinkludi karti tal-logħob tipiċi li jeħtieġu interazzjoni bejn il-karti nfushom, bħall-akkoppjament, l-iskambju jew l-użu u l-kombinazzjoni tal-karti biex jiffurmaw kliem, gruppi ta' simboli jew ringieli ta' numri (pereżempju, karti tal-pontijiet, karti tal-logħob tal-poker, karti tal-lessiku, karti tat-tarot u karti tal-logħob tal-fantasija). Din is-subintestatura tinkludi wkoll karti tal-logħob tal-memorja u karti tal-logħob simili oħrajn, li normalment jintlagħbu sabiex jiġu akkoppjati l-istess kuluri, valuri, simboli jew immaġnijiet.

Tipi oħra ta' logħob tal-karti fejn il-karti fihom mistoqsijiet ta' għarfien, kompiti, kwizzijiet, stampi jew tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet (kemm jekk f'sett bi strumenti oħra tal-logħob, pereżempju, dada jew arloġġ tar-ramel) madankollu mhumiex meqjusa bħala karti tal-logħob ta' din is-subintestatura. Min jilgħab irid biss jwieġeb għal mistoqsija, jissodisfaw kompitu jew, pereżempju, jimmaġinaw li jidhru fl-istampa fuq kard u l-mod kif jilagħbu ma jeħtieġx interazzjoni bejn il-karti. Dawn il-karti għandhom il-karatteristiċi oġġettivi ta' logħob ieħor tas-salott u għalhekk għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM 9504 90 80 bħala logħob ieħor.”

---

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.